# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024**

**Numru 3**

**Rikors Numru 297/20TA**

**Adrian Mifsud (K.I. nru. 12275M) flimkien ma' martu Rita Antoina sive Ritianne Mifsud (K.I. nru. 522276M) għal kull interess li jista' jkollha u Paul Mifsud (K.I. nru. 446062M) flimkien ma' martu Jane Mifsud (K.I. nru. 500463M) għal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Amanda Camilleri (K.I. nru. 380187M) bħala kuratriċi *de jure* ta' uliedha minorenni Sven u Naomi aħwa Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Adrian Mifsud u oħrajn (l-Atturi) datat 13 ta' Mejju 2020 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

"Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Fid 9 ta' April 2019, ġewwa Tal-Qroqq, l-Imsida, Malta miet Steve Mifsud (K.I. nru. 0128780M), li kien residenti ġewwa 'Biarritz Court', Flat 65, Daħla Ġdida numru 1 fi triq Reġjonali, Imsida, Malta – dok. 'A'.

2. Steve Mifsud huwa ħu r-rikorrent Adrian Mifsud u n-neputi tar-rikorrenti Paul Mifsud.

3. Steve Mifsud ma kienx miżżewweġ, minn relazzjoni li huwa kellu mal-intimata Amanda Camilleri twieldu żewġt itfal, Sven Mifsud (li twieled fit-28 ta' Jannar 2005) u Naomi Mifsud (li twieldet fit-12 ta' Mejju tas-sena 2014) – dok. 'B'.

4. Kif jirriżulta minn dok. 'Ċ' hawn unit, Steve Mifsud miet mingħajr testment biex b'hekk is-suċċessjoni tiegħu hija regolata mil-Liġi.

5. Steve Mifsud kien jiddetjeni flimkien mar-rikorrenti Adrian Mifsud u Paul Mifsud, ħamest elef (5,000) sehem ordinarju A fil-kumpanija Gaetano Mifsud Limited (CC68282) li għandha l-indirizz reġistrat tagħha ġewwa 78, Triq is-Swtar, Imsida, Malta – dok. 'D'.

6. Minn għarfien li għandhom ir-rikorrenti, sal-lum l-intimata, f'isem il-werrieta tad-defunt Steve Mifsud għadha ma ddikjaratx jekk hijiex sejra taċċetta dan il-wirt jew inkellha hijiex sejra tirrinunzja għalih.

7. Dan l-istat ta' fatt qiegħed ikun ta' preġudizzju għar-rikorrenti fit-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-kumpannija Gaetano Mifsud Limited (C68282); inoltre, dan l-istat ta' fatt qiegħed jipprekludi lir-rikorrenti milli jipproċedu ai termini tal-arti 903 u 904 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Hija għaldaqstant ix-xewqa tar-rikorrenti illi l-intimata twettaq id-dikjarazzjoni appożita.

9. Minkejja kull sforz tal-esponeti sabiex ma jkunx hemm il-ħtieġa li jinbdew dawn il-proċeduri, l-intimata baqgħet inadempjenti.

10. Ir-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raġuni tat-Talba

1. Peress illi l-art. 868 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi: "*il-qorti tagħti, fuq talba ta' kull min għandu iteress, li il-werriet b'testment jew ab intestato, iż-żmien ta' xahar, li, għal raġuni tajba, jista' jiġi mġedded għal xahar ieħor, biex jiddikjara jekk jaċċettax il-wirt jew jirrinunzjax għalih; u fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kif mogħti mill-bidu jew kif imġedded, il-wirt jitqies irrinunzjat*."

2. U peress illi sal-lum l-intimata, f'isem il-werrieta tad-defunt Steve Mifsud għadha ma ddikjaratx jekk hijiex sejra taċċetta dan il-wirt jew inkellha hijiex sejra tirrinunzja għalih.

3. Għar-raġunijiet kollha premessi, kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

Talbiet:

Tgħid għalhekk l-intimata fil-kwalita' tagħha premessa 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern:

1. tagħti lill-intimata, fi-kwalita' tagħha premessa, żmien xahar, prorogabbli għal raġuni tajba bi zmien xahar ieħor, sabiex tiddikjara jekk hijiex sejra taċċetta jew tirrinunzja għall-wirt ta' Steve Mifsud, li miet mingħajr testment fid-9 ta' April 2019, ġewwa Tal-Qroqq, l-Imsida, Malta.

2. tordna u minn issa tiddikjara illi, fin-nuqqas li ssir id-dikjarazzjoni mitluba fl-ewwel talba fiż-żmien prefiss skont l-istess talba, l-wirt tal-imsemmi defunt Steve Mifsud jitqies rinunzjat.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata, li hija minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ta' Amanda Camilleri għan-nom tal-minuri Sven u Naomi aħwa Mifsud (il-konvenuta) tat-12 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

"**Dwar il-fatti**

1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel erba' paragrafi attrici ma humiex kontestati.

2. Illi dwar il-fatti dikjarati fil-hames paragrafu attrici l-esponenti tiddikjara li ma tafhux ghaliex ma tafx x'assi u xi djun kellu d-decujus Steve Mifsud u fil-fatt l-istess Adrian Mifsud dejjem irrifjuta jaghtiha sodisfazzjoni dwar x'kienu jafu dwar l-assi u l-passiv ta' Steve Mifsud, u lanqas ma taw sodisfazzojni dwar kemm jiswew dawn l-ishma fis-socjeta Gaetano Mifsud Limited. Infatti ghand ir-registratur tal-kumpannija r-rikorrenti ddepositaw biss accounts relattivi ghas-sena 2017 u xejn aktar, u dawn l-*accounts* kienu gew iddepositati ftit qabel ma gie nieqes Steve Mifsud.

3. Illi dwar il-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu attrici dan ma huwiex kontestat propju 'l ghaliex l-esponenti u t-tfal taghha (a) ma humiex fil-pussess tal-wirt u/jew propjeta ta' Steve Mifsud; u (b) ma ghandha l-ebda taghrif dwar x'passiv kellu. Huwa propju fl-interess tat-tfal minuri taghhom li taghti x-xelta lilhom jiddeciedu (Sven ghandu hmistax-il sena) xi jridu jaghmel mill-wirt ta' missieru.

4. Illi dwar il-fatti dikjarati fis-seba paragrafu attrici. Dan huwa kontestat. La darba ir-rikorrenti, flimkien ghandhom il-maggoranza ta' l-ishma tas-socjeta Gaetano Mifsud Limited huma jistghu jkomplu jahdmu bl-istess socjeta. Il-verita hija li r-rikorrenti ma jridux juzawx il-proceduri

minnhom indikati propju sabiex ma jkollhomx jaghtu sodisfazzjoni lit-tfal ta' Steve Mifsud x'kien il-valur veru u reali tan-negozju li kellu.

5. Illi l-fatti l-ohra dikjarati huma kontestati.

6. Illi in oltre l-esponenti tixtieq iggib a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti s-segwenti fatti:

7. Steve Mifsud mhux biss kien shab mar-rikorrenti (fis-socjeta Gaetano Mifsud Limited) izda kellu zewgt ihwienet fejn kien jopera ghal rasu: kellu hanut il-Marsa u spazju fis-*supermarket* 'M4'. Hekk kif miet Steve Mifsud, omm Steve kompliet in-negozju fil-Marsa (ghal xi sitt xhur); filwaqt li r-rikorrenti, Adrian, qabad u ha n-negozju fl-M4 u ghadu qed imexxi dak in-negozju personalment sallum: meta ghamel dan la ghamel inventarju ta' x'assi kien hemm u del resto ha u bbenefika mill-*good will* ta' huh minghajr qatt ta xi forma ta' rendikont lill-intimati sabiex ikunu f'posizzjoni li ssir inventarju skond il-ligi.

8. Steve Mifsud kien telaq l-esponenti meta t-tifla taghhom kellha tmien xhur, illum ghandha sitt snin. L-esponenti ghalhekk ma taf xejn dwar x'kellu Steve.

9. Naturalment biex l-esponenti tkun f'posizzjoni li tamghel inventarju u tiddeciedi jekk ghandhiex taccetta l-wirt ghan-nom tat-tfal taghha jew le ghandha tinghata rendikont skond il-ligi mhux biss ta' l-amminstrazzjoni li r-rikorrenti ghamlu tan-negozju li kellhom bi shab ma' Steve Mifsud izda wkoll tan-negozju u tal-porprjeta li hadu fil-pussess eskluziv taghhom ta' Steve Mifsud.

**L-Eccezzjonijiet**

1. Illi fl-ewwel lok in-nuqqas t'interess guridiku tar-rikorrenti ghat-talbiet odjerni: kull wiehed mir-rikorrenti jrid igib prova ta' interess guridiku legittimu sabiex jipprocedi bil-kawza odjerna.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal premess l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi l-werrieta skont il-ligi huma kollha kemm huma minorenni **u ma jista jsir l-ebda renunzja ghad-drittijiet taghhom minghajr ma jkun hemm l-awtorizazzjoni espressa ta' dina l-Onorabbli Qorti**.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghal premess l-istess l-esponenti Amanda Camilleri ma tistax tigi mgieghla taccetta jew tirrinunzja l-wirt ghan-nom tat-tfal taghhom ghaliex kwalsiasi accettazzjoni ghandu jsir **bil-beneficcju ta' l-inventarju** u skond direzzjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) wara li jkun inghata stampa cara ta' x'inhi l-konsistenza tal-patrimonju ta' Steve Mifsud.

4. Illi fir-raba lok it-tfal minorenni ta' Steve Mifsud, Sven u Naomi ahwa Mifsud ghandhom id-dritt skont l-Art 885 tal-Kap 16 li jiddeciedu huma

stess jekk jaccettawx il-wirt jew le wara li jkunu saru maggorenni (u ghandhom dritt li jitolbu l-beneficcju ta' l-inventarju ghal zmien sena minn meta jilhqu dik l-eta).

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghal premes gjaladarba r-rikorrenti qeghdin jamministraw l-assi tad-*decujus* (jew uhud minnhom) jidher li qed jaghmlu din il-procedura sabiex jevitaw li jaghtu sodisfazzjoni dwar x'ghamlu u ma ghamlux lit-tfal ta' Steve Mifsud. Dan huwa abbuz ta' dritt, u din il-Qorti ghandha timponi li qabel xejn ir-rikorrenti jispjegaw u jaghtu rendikont shih u skond il-ligi ta' x'ghamlu bil-hwejjeg tad-decujus li approprjaw ghalihom infushom u ta' kull negozju f'liema d-decujus kellu interess.

6. Illi fi kwalsiasi kaz l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt skont il-ligi.

Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni tar-rikorrenti."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża;

Semgħet ix-xhieda imressqa fil-perkors tal-Kawża;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Missier il-minuri fil-Kawża, Sven u Naomi aħwa Mifsud, Steve Mifsud miet fid-9 ta' April 2019. Kien għex f'relazzjoni mal-Attriċi Amanda Mifsud u li minnha kellu ż-żewġ minuri imsemmija.

**2.** Il-mejjet Steve Mifsud jiġi ħu l-Attur Adrian Mifsud u n-neputi ta' Paul Mifsud u li flimkien kellhom Soċjeta' kummerċjali tinnegozja fix-xiri u bejgħ ta' prodotti agrikoli jisimha Gaetano Mifsud Ltd. L-aħwa Mifsud kellhom

25% kull wieħed tal-ishma mentri r-rimanenti 50% huma tal-Attur l-ieħor Paul Mifsud.

**3.** Steve Mifsud miet intestat u għalhekk skont il-liġi wirtuh iż-żewġ minuri aħwa Mifsud. Tajjeb li jingħad, li fil-mori tal-Kawża l-imsemmi Sven Mifsud sar maġġorenni. L-Attriċi f'isem uliedha, illum f'isem it-tifla minuri Naomi, ma tridx tiddikjara jekk hiex lesta li taċċetta dan il-wirt u l-anqas ma jidher li trid tirrinunzja għalih. B'konsegwenza ta' din l-inċertezza l-Atturi ma jafux fejn qegħdin partikularment minħabba l-ishma li d-defunt kellu fis-Soċjeta' kummerċjali imsemmija.

**4.** Għalhekk l-Atturi kellhom jagħmlu din il-Kawża sabiex jiġi ffissat terminu lill-Attriċi u llum lil Sven Mifsud biex jiddikjaraw jekk iridux jaċċettaw l-eredita'.

**Punti ta' Liġi**

**5.** L-azzjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija impernjata fuq l-artikolu 868 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi s-segwenti:

*"Il-qorti tagħti, fuq talba ta' kull min għandu interess, li il-werriet b'testment jew ab intestato, iż-żmien ta' xahar, li, għal raġuni tajba, jista' jiġi mġedded għal xahar ieħor, biex jiddikjara jekk jaċċettax il-wirt jew jirrinunzjax għalih; u fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kif mogħti mill-bidu jew kif imġedded, il-wirt jitqies irrinunzjat".*

**6.** Din l-azzjoni hija maħsuba li toqtol kull stat ta' inċertezza minħabba li eredi ma jekwivoka jew jipprokrastina dwar jekk hux ser jaċċetta l-eredita. Għalkemm huwa dritt tal-eredi li jeżamina l-konsistenza tal-eredita' biex jara jekk ikun jaqbillu jaċċettaha, dan ma jfissirx pero' li jista' jibqa' inattiv bil-konsegwenza li jħalli kemm lil-koeredi u anke terzi barranin f'inċertezza għal żmien indeterminat. Għalhekk bis-saħħa ta' din ir-regola tal-liġi tinħoloq presunzjoni li fin-nuqqas li li l-eredi jibqa' ma jagħmel xejn għal tul il-perjodu li l-Qorti tiffissa għall-aċċettazzjoni tal-eredita'. Allura jkun presunt li huwa rrinunzja. Preżunzjoni li hija *iure et de iure* għaliex altrimenti l-iskop ta' din in-norma jkun newtralizzat u jipperdura l-istat ta' inċertezza.

**7.** Il-Qorti fehmet li l-Attriċi riedet l-ewwel tkun taf x'hemm fl-eredita' qabel ma taċċetta. Ma jidhirx li għamlet xi sforz partikulari għajr li marret għand nutar biex jgħamillha r-riċerki għal xi djun mal-banek. Aktar minn hekk ma talbithiex (a' fol 91). Fir-rigward tax-xhieda tagħha l-Qorti rriskontrat ċertu retiċenza li hija indikattiva li l-Attriċi bħal donnha ma tridx li din il-vertenza tinqata' malajr.

**8.** Mill-provi emerġa li hemm dejn tas-Soċjeta' Gaetano Ltd, li fiha d-defunt kellu 25% tal-ishma fl-ammont ta' nofs miljun ewro (€500,000). F'dan ir-rigward il-Qorti fehmet li dan huwa l-*modus operandi* tas-Soċjeta' kif fil-fatt hemm Soċjetajiet ta' din ix-xorta li jaħdmu bil-karta b'lura. Di piu', dan id-dejn ma hux tad-defunt personalment għalhekk ceteris paribus, żgur

ma hux dejn li jista' jaqa' fuq il-minuri Naomi Mifsud jew ħuha Sven Mifsud. Minn naħa l-oħra, id-dejn personali tad-defunt huwa fl-ammont ta' sebgħa u ħamsin elf ewro (€57,000) (a' fol 168).

**9.** Il-Qorti irrikapitolat dan kollu, biex temfasizza, li jekk il-konvenuta ma kienitx taf x'kien hemm djun qabel il-Kawża, b'din l-informazzjoni issa taf. Iżda ħadd ma għandu kontroll dwar xi djun jista' jkun hemm f'eredita' apparti dejn ieħor tad-defunt li jkun insinwat. Dan huwa riskju inerenti fl-aċċettazzjoni ta' kull eredita'. Iżda minn naħa l-oħra, is-suspett li hemm djun oħra ma jintitolax lil dak li jkun ma jasal qatt biex jiddikjara jekk hux ser jaċċetta l-eredita'. F'dan il-każ hemm żewġ toroq: li taċċetta jew ma taċċettax.

**10.** Fir-risposta tagħha il-konvenuta teċċepixxi li l-Atturi iridu juru l-interess ġuridiku tagħhom. Fis-**Sentenza fl-ismijiet John Muscat et -vs- Rachelle Buttigieg et (27 ta' Marzu 1990)** ta' din il-Qorti diversament preseduta iddikjarat hekk:-

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, hlief l-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

**11.** L-elementi tal-interess ġuridiku komplew jiġu elaborati fis-**Sentenza fl-ismijiet Emilio Persiano -vs- Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalità tiegħu bħala Uffiċċjali Prinċipali tal-Immigrazzjoni mogħtija fit-18 ta' Jannar 2001** fejn ġie ritenut li *"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-esistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku*" (ara ukoll **Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Falzon Sant Manduca -vs- Weale, maqtugħa fid-9 ta' Jannar, 1959**).

**12.** L-Atturi jissodisfaw dan l-interess għaliex kif ingħad, huwa fl-interess tagħhom li jitneħħa dan l-inċertezza li nħolqot fis-Soċjeta' inkwistjoni, b'konsegwenza tal-fatt li l-konvenuta għadha ma aċċettatx l-eredita' inkwistjoni.

**13.** Di fatti, l-Attur Adrian Mifsud jispjega li "*Minhabba illi dawn il-500 ishma ghadhom f'isem hija dan il-fatt qieghed ikun ta' intopp u xkiel sabiex il-kumpanija tkun tista' tigi amministrata bl-ahjar mod.*" U ma għandu ebda dubbju li dan l-"intopp" għandu effett negattiv fuq l-operat tas-soċjeta' (Ara affidavit a' fol 98 para 7). Di piu' regolament 6.2 tal-Istatut u regolamenti tas-Soċjeta' Gaetano Mifsud Limted jistabilixxu li *"Upon the death of a*

*member, his heirs, so far that these are his surviving spouse or the deceased children, or direct descendants of his children, shall be entitiled to be registered in respect of the deceased member, and the Board of Directors cannot refuse to register such spouse/children/descendants as holders of ten shares”* (a’ fol 22 para 6.2). Dan ifisser, li biex dak li jipprospetta dan ir-regolament ikun jista’ jiġri, qabel kollox jrid ikun hemm l-aċċettazzjoni tal-eredita’ da parti tal-konvenuta.

**14.** Għalhekk huwa ċar li l-Atturi għandhom interess dirett, personali u attwali, peress li huwa dritt tagħhom li jkunu jafu min huwa t-titolari tal-ishma li kellu d-defunt f’din is-Soċjeta’ kummerċjali. Dan ifisser li anke din l-eċċezzjoni hija respinta.

**15.** Il-konvenuta tkompli teċċepixxi li l-minuri ma jistax jirrinunzja mingħajr ma jkun hemm awtorizazzjoni espressa tal-Qorti u li l-Attriċi ma tistax tirrinunzja l-wirt għan-nom tal-minuri Naomi, għaliex f’dan il-każ, kwalunkwe rinunzja trid issir skond id-direttivi tal-Qorti fil-kompetenza volontarja tagħha. Huwa minnu li artikolu 137(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li l-ġenituri jistgħu “J*aċċettaw bil-benefiċċju tal-inventarju kull wirt li jmiss lit-tfal, <u>kemm-il darba l-qorti ma tagħtix il-ħelsien mill-inventarju</u>*”. (Emfażi tal-Qorti).

**16.** Issa huwa minnu li dawn il-Qrati f’ċirkostanzi fejn hemm minuri qalu hekk:

"*L-accettazzjoni tal-wirt ma setghetx legittimament issir minn ommu f'ismu hlief bil-beneficcju tal-inventarju (Artikolu 848 tal-Kodici Civili), u ghalhekk isegwi li kwalunkwe mod iehor ta' accettazzjoni huwa null*." (Ara **Sentenza tal-Qorti (Sede Inferjuri) tad-9 ta' Jannar, 2008, fil-kawża fl-ismijiet Gasan Enterprises Limited et v. Georgina Meli** u dik **tas-26 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet Grace Farrugia u t-tfal tagħha Rachel Portelli u Angie Farrugia -vs- Sun Aviation Limited, Excelair Services Limited**).

**17.** Fil-waqt li din il-Qorti taqbel ma dawn is-Sentenzi pero' hemm distinzjoni bejn sitwazzjoni meta l-ġenitur **volontarjament** jgħaddi għall-aċċettazzjoni tal-wirt mingħajr l-awtorizazzjoni debita tal-Qorti kompetenti u dik li għandha quddiemha din il-Qorti, fejn il-wirt mhux jiġi aċċettat u għalhekk jingħata żmien lil min jirrapresenta biex **jiġi imġiegħel** mil-liġi stess mhux li jaċċetta bil-fors, iżda **li jagħżel** bejn li jaċċetta jew li jirrinunzja għall-wirt. Din l-aħħar eventwalita' hija sitwazzjoni maħsuba biex tiżblokka sitwazzjoni fejn it-terz, minħabba inattivita' u leterġija tal-presunt eredi, jkun qiegħed isofri preġudizzjoni inġust.

**18.** Di fatti huwa interessanti dak li jgħidu l-awturi taljani b'referenza għall-ermenawtika sentenzjali tal-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana fil-każ ta' persuni inkapaċi fil-każ tal-azzjoni bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti: "*…chiunque vi abbia interesse puo' chiedere all'Awtorita' gudizziaria la fissazzione di un termine per l'accettazione o alla rinunzia dell'eredita' alla scadenza inutile del quale consegue la perdita' del diritto di accettare*

*l-eredita', e' applicabile nei confronti di ogni chiamato <u>senza distinzione tra capci o incapaci</u>"* (Emfazi ta' din il-Qorti)(Ara **Pescatore/Ruperto, Codice Civile Annotato, Guiffre', 7th Ed, pg 285**).

**19.** Li kieku ma kienx hekk, kienet tinħoloq sitwazzjoni inġusta fil-konfront ta' terzi għaliex meta persuna ma taċċettax wirt, dak huwa kkunsidrat battal u li l-azzjoni għall-aċċettazzjoni tiegħu hija preskrivibbli bi 30 sena (Ara art 859 u 903 tal-Kodiċi Ċivili). Di piu' l-Attriċi tista' dejjem tiġi eżentata milli taċċetta l-imsemmija eredita' mingħajr inventarju, konformament ma' dak li jiddisponi l-artikolu 137(1) tal-Kodiċi Ċivili. Wara kollox, wara kważi ħames snin mill-mewt ta' missier il-minuri, il-konvenuta apparti l-informazzjoni li ngħatat bis-saħħa ta' din il-Kawża kellha ż-żmien kollu sabiex tagħmel kull riċerka oħra.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-konvenuta.

**Tilqa' l-ewwel talba tal-Attur** u ai fini tal-artikolu 868 tal-Kodiċi Ċivili, tipprefiġġi żmien lill-konvenuta u lil Sven Mifsud stante li llum sar maġġorenni, sabiex fi żmien wieħed u tletin jum mid-data ta' din is-Sentenza jiddikjaraw jekk jaċċettawx jew jirrinunzjawx għall-wirt tad-defunt Steve Mifsud u fin-nuqqas ta' dik id-dikjarazzjoni fiż-żmien hawn fuq

imsemmi, il-wirt imsemmi jitqies irrinunzjat salv il-possibilita' ta' tiġdid taż-żmien inkwistjoni għal darba waħda biss f'każ ta' raġuni tajba.

Għal kull bon fini l-Qorti qed teżenta lill-Attriċi mill-ħtieġa ta' inventarju f'każ li tagħżel li taċċetta l-wirt għall-minuri Naomi Mifsud.

Spejjes fiċ-ċirkostanzi jibqgħu mingħajr taxxa.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**